Gmail

Nicholas Grech <[redacted]@gmail.com>

# Każ Nru HS 0029

2 messages

**Commissioner for Health** <ch@ombudsman.org.mt> Tue, May 15, 2018 at 2:31 PM
To: [redacted]@gmail.com

**Każ Nru HS 0029**

15 ta' Mejju 2018

Is-Sur Nicholas Grech

E-mail – [redacted]@gmail.com

Għażiż Sur Grech

*Dwar: Ilment kontra l-Psikjatra Dr David Cassar*

Nirreferi għall-ilment li inti għamilt ma' dan l-Uffiċċju fis-7 ta' Mejju 2018.

Jien infurmajt minnufih kemm lill-Kunsill Mediku, kif ukoll lill-Kummissarju tas-Saħħa Mentali.

Irrid inżid li qabel mal-Qorti tat is-sentenza tagħha fis-26 ta' Ġunju 2014 hija talbet rapport ukoll minn żewġ psikjatri oħra kif ukoll minn psikologa.

Il-Kummissarju tas-Saħħa Mentali qalli li infurmak diversi drabi li jekk inti trid tista' titlob sabiex jinbidel il-psikjatra li inti qiegħed taħt il-kura tiegħu.

Jien ser nibqa’ nsegwi l-każ tiegħek kemm mal-Kunsill Mediku, kif ukoll mal-Kummissarju tas-Saħħa Mentali.

Inselli għalik

Charles Messina

Kummissarju għas-Saħħa

CHARLES MESSINA

OMBUDSMAN

COMMISSIONER FOR HEALTH

11 ST. PAUL STREET VALLETTA VLT 1210

telephone: + 356 22483200 fax: + 356 21247924

direct line: + 356 22483212 e-mail: ch@ombudsman.org.mt

---

**Nicholas Grech** <[redacted]@gmail.com> Thu, May 17, 2018 at 8:08 AM

To: Commissioner for Health <ch@ombudsman.org.mt>

Int jew trid tghaddi z-zmien jew ma nafx ghax donnu ma tantx harist lejl il-website fejn fiha spjegajt sa lanqas dettal dak li kelli nghaddi minnu. L-ewwel darba li ktibt lill-Ombudsman fuq il-kaz fl-20/3/17 u minnhom kien hemm kaz HR0022 li gie assenjat lilek bhala Kummissarju ghas-sahha fi hdan l-Ombudsman, kont hallejtni mat-3 xhur nistenna bla risposta u li mhux ghax ergajt ktibt dirett lill-Ombudsman minn jaf kemm kont indum nistenna aktar, bhal donnu nterpretajta li thossok skomdu tiehu passi kontra Cassar u qisu trid tagevolah u nispera li issa mhux se jerga jigri l-istess.

Meta semmejt li meta nqatghet is-sentenza fis-26/6/14 fit-tieni kaz Cassar ma kienx wahdu izda kien ma 2 psikjatri ohra meta ghamluli l-perizja fit-2/6/14 dawn kienu kkonkludew li ghemili kien ghax waqaft niehu l-kura kif kont ghidtilhom li ghamilt f’dawk ic-cirka 3 snin ta’ qabel l-arrest meta kont qed naghmel ir-reati. Meta f’ittra datata 9/10/16 ninforma lil Cassar li fil-fatt qatt ma kont hadt il-pirmli tieghu fi 12-il sena u dan il-fatt kien jaqleb kollox ta’ taht fuq ghax tigi li kkundannawni ta’ mentali fuq fatti skorretti, Cassar mhux talli ma nfurmax liz-zewg kollegi Psikjatri li maghhom kien wasal ghal din il-konkluzjoni zbaljata fil-perizja tat-tieni kaz u lanqas lil Psikologa/Kriminologa Roberta Holland, talli lanqas ma nforma lill-Qorti kif kien obligat li jaghmel fuq din l-evidenza gdida, fosthom biex ma jikkrollalux il-kastell tar-ramel li bena tul dawn is-snin meta gabni ta’ mentali, biex ma jigix jidher li ntenzjonalment ghamel dijanjozi ghal kollox zbaljata tieghi, biex ma jigix jidher li gideb u ilu jigdeb fuqi mill-2002 fost l-ohrajn. Apparti dan kappel ma jmerix lill-iehor u kollha jirrepetu li jghid Cassar li kien hu li rani l-ewwel wiehed fit-18/2/02 u bdiha fis-

seduta fil-Qorti tal-ewwel kaz tat-12/6/02 meta kien ghadu solament wahdu meta dawwara li qed inbati minn “psikozi tad-deluzjonijiet ta’ persekuzzjoni” u li dawn fil-fatt ma kienu deluzjonijiet xejn ghax verament kont qed insofri abbuzi gravissimi fosthom dak it-theddid li ghammilli propju l-Magistrat Peralta stess minn fuq it-tribuna fl-4/2/02 li jsabbatni mal-hajt f’nofs seduta f’post pubbliku f’awla tal-Qorti (x’jonqos aktar?).

Imbilli tigi tghid li skont il-Kummissarju ghas-Sahha Mentali John Cachia nista nibdel il-Psikjatra meta rrid, apparti li ma nafx kemm dan hu facli u possibli ghax fis-sentenza tal-appell tal-ewwel kaz tal-21/11/05 Cassar hu riferut bhala “l-kuranti” (cioe jekk xejn ikolli naghmel rikors il-Qorti u mhux sempliciment naqbad u nibdlu), xorta jibqa’ l-fatt li kappell ma jmerix lill-iehor apparti li kieku biss ninnomina Psikjatra gdid ma nigwadanja assolutament xejn ghax xorta jkun jehtieglu jiehu l-handover minghand Cassar u altru li se jaghti widen lill-kollega Psikjatra bhalu milli lili mpingi propju minn Cassar bhala mentali u bid-deluzjonijiet.

Immagina kieku kont mentali u bahnan u cass li ma hadtx l-inijzjattiva wahdi kontra kullhad u rrapurtajt lil Peralta lura fl-2002 lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja fosthom fuq it-theddid li ghamilli kemm kont inkun f’pozizzjoni ambigwa, kemm aktar ma nistax nghid li dan Peralta kien heddidni li mhux ghax ghandi f’idejja dik l-ittra tal-4/10/04 tal-Kummissjoni bil-konkluzjoni tirreferi ghal kliem ta’ Peralta bhala “kliem li seta’ ma nghadx ghax ma kienx utli ghall-andament tal-kawza,” cioe altru ma kienux deluzjonijiet tieghi kif dawwarhom Cassar. Immagina li kieku kont hekk bahnan li ma gemmajtx il-pirmli mill-bidunett ghandi x’nuri w il-provi li l-pirmli qatt ma kont hadthom fi 12-il sena. Immagina li kieku kont xi wiehed marradi dejjem infalli mix-xoghol full-time u ta’ responsabilta li kelli – minflok kont ezatt l-oppost inbiegh is-sahha hekk li qatt ma htiegli niehu gurnata sick leave fi 15-il sena u nofs kemm domt nahdem (hlief meta qafilni Cassar fl-2002 u dakinhar altru mhux ghax kont marid) u dan minkejja li qatt ma hadt pirmli ghal-mankament tad-dopamine nieqsa minn mohhi u tal-mard kronaku u gravissimu li Cassar kien ivvinta li qed inbati minnu (kollha frott id-diceriji tieghu minghajr l-icken bazi xjentifika, ez tghid originaw minn xi test tad-demm, awrina, CT scan etc.), u mard gravi sal-punt li meta kien ghadu solament wahdu kien ghamel seduta ta’ malajr il-Qorti fit-12/6/02 fl-ewwel kaz biex qafilni l-isptar Monte Carmeli ghal 37 jum tant kemm ivvinta li minghajr il-kura specjali tieghu m’jienx xejn mentali spiccut. U hafna provi ohrajn fosthom mhux talli ma kelli l-ebda mard talli rnexxili ma niggennix s’issa fejn ma nafx x’kien jonqosni nghaddi minnu: frame-up, assassinju tal-karattru w instigar ta’ mibgheda lejja fosthom mill-Pulizija, vendikazzjonijiet mill-Ministru Owen Bonnici talli assocjawni ma certu blogger li l-mibgheda lejja kien bla limitu u minn jigi assocjat maghha jiret l-istess odju u stmerrija, imkisser bis-side effects tal-injections, etc.

Int bhala kummissarju ghas-sahha fi hdan l-Ombudsman mhux sempliciment tkompli “issegwi l-kaz” ghandhek taghmel imma tiehu l-inizjattiva u l-azzjonijiet drastici kemm huma drastici li hemm bzonn fuq nuqqas hekk kbir fil-qasam tas-sahha. Imma bhal hafna mill-membri tal-Kunsill Mediku, donnu li int xi habib iehor tal-Psikjatra David Cassar u qisu ghandek l-istess kunflitt t’interess bhalhom dejjem tibqa’ pass lura ghax ma tridx tiksirha minn mieghu. Rigward il-website, ghadni qed nahdem fuq il-verzjoni bl-ingliz, ghalhekk ghadni m’ghamiltix pubblika.

Nicholas Grech (ID no [redacted]M, Mob: [redacted])

[Quoted text hidden]